26 ta' Lulju 2009

**STQARRIJA**

**L-AKBAR SPARATURA FUQ IL-PLATTINI**
**LOTTERIJA U DONAZZJONI TAL-FKNK**

Illum u l-bieraħ fuq ir-range tal-isparar tal-plattini ta' Ħal Qormi, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) organizzat l-Isparatura Annwali tat-Timijiet, fejn jikkompetu timijiet ta' sitt tiraturi mill-Għaqdiet distrettwali fi ħdan l-FKNK. Bħal dejjem din l-isparatura tat-timijiet tkun l-akbar waħda li tiġi organizzata fil-ġżejjer Maltin.

Din kienet iż-żbattax il-sena ta' din il-kompetizzjoni, fejn kull tim jispara fuq 50 plattina fuq id-dritta.

Ingħataw tazzi lil kull tiratur għall-ewwel tlett postijiet tat-tims, li ntrebħu mil-Mġarr fl-ewwel post, li ngħataw ukoll ix-xild tal-FKNK għal din l-isparatura, b'Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi jiġu fit-tieni u t-tielet postijiet rispettivament.

George Mifsud mit-tim ta' Ħal Qormi ġie l-ewwel fost l-individuals u rebaħ senter semi-automatic u ngħata Trowfi li kienet sponserjata mill-Ewroparlamentari Dr. John Attard Montalto li kien ukoll preżenti għall-isparatura. Gino Camilleri mit-tim tal-Mġarr u Eugenio Azzopardi mit-tim ta' Ħaż-Żebbuġ ġew fit-tieni u t-tielet post tal-individuals rispettivament u ingħataw ukoll tazzi.

It-tiraturi kollha li ħadu sehem ingħataw ukoll token sabiħ bħala tifkira tal-okkażjoni.

Il-premijiet ġew imqassma lir-rebbieħa mill-President tal-FKNK Joseph Buttigieg.

Matul il-ġurnata ta' 'llum inghata ukoll il-premju ta' senter semi-automatic lil Carmel Baldacchino ir-rebbieħ tal-lotterija li l-FKNK għamlet din is-sena għall-membri tagħha. Parti mid-dħul ta' donazzjonijiet ta' €5 il-wieħed, li l-FKNK ġabret mingħand il-membri din is-sena kienu marbuta ma' din il-lotterija, filwaqt li parti oħra marret għal donazzjoni li l-istess FKNK għamlet lil kawża 'Puttinu'.

Din l-isparatura tkun organizzata ta' kull sena mill-Kummissjoni Relazzjonijiet Pubbiċi u Edukattiva (KRPE) fi ħdan l-FKNK.

Daniel Xriha
KRPE